**14 ta' Frar, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S., President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can.(Rome), LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

George Azzopardi

**Appell Fuq il-Fatti**

*Il-funzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali mhix li teżamina u tagħmel apprezzament tal-provi u tara x'konklużjoni kienet tasal għaliha hi u b'hekk tirrimpjazza d-diskrezzjoni tal-ġurati, iżda li tagħmel apprezzament approfondit tal-provi miġjuba fil-ġuri u jekk tasal għall-konklużjoni li a bażi ta' dawk il-provi l-ġurija setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha allura, u billi ma jkunx jista' jingħad li l-appellant ikun instab ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali għandha d-dover li tirrispetta l-ġudizzju tal-ġurati.*

Il-Qorti: –

Rat l-Att ta' Akkuża numru 6 ta' l-1986;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tas-7 ta' April, 1987 li biha wara li semgħet il-verdett tal-ġurati li bih b'sitt voti kontra tlieta sabu lill-akkużat George Azzopardi ħati

ta' serq ta' flus li jeċċedi l-elf lira aggravat bil-vjolenza (offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna, armi), mezz, valur u ħin u dan rigward l-ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża; bl-istess numru ta' voti sabu lill-imsemmi akkużat ħati skond it-tieni Kap. ta' l-Att ta' Akkuża, bl-istess numru ta' voti sabuh ħati wkoll skond it-tielet Kap. ta' l-att ta' Akkuża; b'vot unanimu sabuh mħux ħati skond ir-raba' Kap. ta' l-Att ta' Akkuża u b'sitt voti kontra tlieta sabu lill-akkużat ħati skond il-ħames Kap. ta' l-Att ta' Akkuża, b'dana li l-valur ta' l-oġġett misruq, b'seba' voti kontra tnejn, kien ta' bejn l-għaxar liri u l-mitt lira, iddikjarat lill-imsemmi akkużat George Azzopardi ħati ta' serq ta' flus li jeċċedi l-elf lira, aggravat bil-vjolenza (offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna, armi), bil-mezz, valur u ħin; iddikjaratu ħati talli fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar li kien qed iġorr mhux għal xi għan leġittimu; iddikjaratu ħati, talli mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon u ddikjaratu ħati wkoll ta' riċettazzjoni, u ċjoè talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, b'dan li l-valur ta' l-istess ħwejjeġ kien jaqbeż l-għaxar liri iżda mhux il-mitt lira; iddikjarat lill-istess George Azzopardi mhux ħati tar-raba' Kap. ta' l-Att ta' l-Akkuża u minnu lliberatu, u wara li semgħet lill-avukati dwar il-piena u ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluża l-età tenera ta' l-akkużat; u wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi kif ukoll il-Proklama maħruġa mill-E.T. President tar-Repubbblika ta' Malta fid-29 ta' Jannar, 1987 u senjatament il-paragrafu (b) ta' l-istess proklama; ikkundannat lill-imsemmi George Azzopardi għall-piena ta' sentejn u sitt xhur priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas il-perijodu ta' arrest preventiv li l-istess George Azzopardi għamel in konnessjoni ma' dan il-każ;

u għal *kull buon fini ddikjarat li ġà ħadet in konsiderazzjoni* r-riduzzjoni tal-piena kkontemplata fl-imsemmija Proklama u fl-aħħarnett ikkundannat lill-imsemmi George Azzopardi jħallas lir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati l-ispejjeż taxxati tal-perizji, inkorsi in konnessjoni ma' dan il-każ;

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' l-istess George Azzopardi ppreżentat fit-30 ta' April 1987 li permezz tiegħu filwaqt li *interpona appell mill-imsemmija sentenza talab li din il-Qorti* jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja tagħha tirrevokaha fil-parti kundannatorja, tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena skond il-liġi;

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fl-Ewwel lok l-appellant qiegħed jissottometti li mill-kumpless tal-provi prodotti f'dan il-każ, huwa ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi hu evidenti illi l-vertenza kollha rigwardanti dan l-appell tirrigwarda unikament l apprezzament tal-provi magħmul mill-ġurati u l-appellant m'hu bl-ebda mod qed jattakka l-indirizz ta' l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri. Jiġifieri l-appellant

qed jinvoka l-artikolu 501(1) tal-Kodiċi Kriminali ċjoè qiegħed jallega li ġie misjub ħażin fuq il-fatti tal-kawża. Issa f'dan irrigward jiġi ribadit illi l-funzjoni ta' din il-Qorti bħala Qorti ta' appell mhix li teżamina u tagħmel apprezzament tal-provi u tara x'konklużjoni kienet tasal għaliha hi u b'hekk tirrimpjazza d-diskrezzjoni tal-ġurati iżda li tagħmel apprezzament approfondit tal-provi miġjuba fil-ġuri u jekk tasal għal konklużjoni li a bażi ta' dawk il-provi l-ġurija setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha allura, billi ma jkunx jista' jingħad li l-appellant ikun instab ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża, din il-Qorti għandha d-dover li tirrispetta l-ġudizzju tal-ġurati. Din il-Qorti invece għandha d-dover li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ġurati jekk kif tesiġi l-liġi l-provi jkunu tali li a bażi tagħhom il-ġurati ma setgħux raġonevolment fuq il-fatti tal-kawża jaslu għall-verdett li jkunu waslu għalih. Din hija l-prassi ta' din il-Qorti bbażata fuq id-dettam tal-liġi liema prassi hija biżżejjed assodata;

Din il-Qorti qabel xejn tirrileva li l-appellant ċaħad mill-bidu nett l-involviment tiegħu fir-rapina mertu ta' dan il-każ u l-ġurati kienu liberi jemmnuh f'dak li qal fl-*istatement* tiegħu kif ukoll f'dak li xehed quddiemhom kif kienu liberi li jemmnu x-xhieda ġuramentata ta' Victor Abela, ta' missieru u ta' ħutu;

Issa f'dan il-każ irriżulta li fid-19 ta' Novembru 1983 għall-ħabta tas-7.00 p.m. ġiet misruqa l-pompa tal-*petrol* magħrufa bħala *"C. Abela Service Station"* ġo Mosta Road, Ħal Lija minn żewġ persuni armati b'senter isserrat kull wieħed u b'wiċċhom mgħammad. F'din is-serqa ġie sparat tir mill-ħalliel li daħal l-ewwel u b'dan it-tir ġew feruti Costantino Abela u ibnu Lino. Fis-serqa ntuża wkoll *motorcycle* li rriżulta misruq;

Issa huwa minnu li l-akkużat kif ingħad jiċħad kategorikament li hu kien wieħed mill-ħallelin iżda mill-banda l-oħra Victor Abela kien kategoriku daqsu fl-affermazzjoni tiegħu li qatt ma ċċaqlaq minnha li hu jagħraf lill-appellant bħala l-ħalliel li daħal l-ewwel u spara t-tir. L-istess Abela spjega wkoll li hu inzerta laħaq ra lill-appellant attimi qabel daħal ġewwa hu u nieżel mill-mutur meta wiċċu kien għad mhux mgħammad kompletament. L-istess xhud għarfu wkoll mill-vuċi u hawn jiġi osservat li xi żmien qabel, u fuq din m'hemm ebda kwistjoni, kemm dan ix-xhud kif ukoll l-appellant kienu jaħdmu flimkien u għalhekk m'hemmx dubju kinux jafu 'l xulxin. L-istess xhud ukoll afferma li ftit ħin qabel l-appellant kien mar jieħu il-*petrol* bl-istess mutur u ta' wkoll deskrizzjoni vivida tal-ġakketta u ta' l-ingwanti li kien liebes il-ħalliel li spara kif ukoll tal-mutur li bih waslu u ħarbu l-ħallelin. Xhieda oħra wkoll iddeskrivew il-mutur u taw in-numru tiegħu. Il-Pulizija minn ħdejn il-*garage* użat mill-appellant elevaw tlett pari ingwanti minn taħt ċangun fejn evidentement kienu moħbija. Fuq il-par li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ta Abela, l-espert Dr. Abela Medici kkonstata traċċi li a bażi tagħhom seta' jikkonkludi li kienu traċċi ta' sparatura ta' arma tan-nar u stabbilixxa wkoll li l-istess traċċi kienu kompatibbli mat-traċċi misjuba fuq l-iskartoċċ li tħalla fil-post tad-delitt mill-ħalliel li spara. Ħdejn il-*garage* ta' l-appellant ukoll instab *motor cycle* li kemm għal dak li hu numru ta' reġistrazzjoni kif ukoll għal dak li hu kulur jikkorrispondi għad-deskrizzjoni u numru mogħtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Mid-dar ta' l-appellant ġiet elevata fost oħrajn ġakketta li bħala deskrizzjoni taqbel ma' dik mogħtija mix-xhud Victor Abela u li fuqha wkoll instabu traċċi li għalkemm xjentifikament mhux konklussivi skond l-espert però huma indikattivi ta' probabbilità li dik l-istess ġakketta kienet viċin ta' sparar ta' arma tan-nar;

Oltre dan kollu mhix korretta s-sottomissjoni ta' l-appellant li x-xiehda ta' Victor Abela fil-ġuri mhix kredibbli u inkonsistenti max-xiehda preċedenti tiegħu fil-kors tal-kumpilazzjoni u ta' l-inkjesta maġisterjali. Infatti d-differenzi li jemerġu minn dawn id-deposizzjonijiet, apparti milli wieħed jistennihom fin-normalità tal-każijiet, m'humiex tali li jiskreditaw ix-xhud imsemmi li għal dak li hu sostanzjali partikolarment ir-rikonoxximent ta' l-appellant kien konformi u konsistenti dejjem fid-diversi deposizzjonijiet li ta;

Oltre dan hemm ukoll il-fatt li skond ix-xiehda ta' l-Ispettur Psaila l-appellant afferma li t-tliet pari ingwanti msemmija ma kinux tiegħu qabel ma l-istess kienu nstabu iżda waqt li l-Pulizija kienet appik li tirrimwovi ċ-ċangun fejn kienu moħbija;

Ma' dan kollu jiżdied ukoll il-fatt li filwaqt li l-appellant afferma li fil-ħin tas-serqa hu kien qed jara *film* ir-*Roxy Cinema* u ddeskriva fuq x'hix kien il-*film*, irriżulta mill-proprjetarju taċ-ċinema *Roxy* li minħabba żball li ħa hu stess dak in-nhar tas-serqa ma ntweriex il-*film* li semma l-appellant imma *film* ieħor;

Jiġifieri l-posizzjoni għal dawk li huma fatti kienet li kontra l-affermazzjoni ta' innoċenza da parti ta' l-appellant kien hemm affermazzjonijiet altrettant kategoriċi ta' xhieda oħra u ta' ċirkostanzi li kienu jinkriminawh. Inoltre hu ovvju fil-fehma tal-Qorti li ħlief in-negazzjoni ta' l-appellant mhux biss ma hemm xejn iżjed fil-proċess li jikkwalifika din ix-xiehda l-oħra bħala inattendibbli u inkonsistenti iżda jista' jingħad bla dubju ta' xejn li l-istess xiehda tinsab korroborata mill-provi ċirkostanzjali li rriżultaw f'dal-każ. Hu ovvju għalhekk li l-ġurati kellhom kull dritt jgħarblu l-provi u jagħżlu liema verżjoni fil-fehma tagħhom kienet attendibbli u billi evidentement ma emmnux lill-appellant

iżda lix-xhieda l-oħra u billi din ix-xiehda kif komportata minn provi oħra hija tali li a bażi tagħha l-ġurija setgħet tasal għall-verdett li waslet għalih mhux leċitu għal din il-Qorti li tindaħal fid-diskrezzjoni tagħhom;

Dan jirrispondi prattikament għall-ilmenti kollha ta' l-appellant. Kull ma trid iżjed din il-Qorti hu fir-rigward tal-*Ħames Kap.* ta' l-Att ta' l-Akkuża ċjoè fir-rigward ta' l-akkuża tar-riċettazzjoni tal-*motor cycle*. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' l-appellant li l-ġurija ma kellha l-ebda prova li l-mutur użat fis-serqa kien l-istess li ġie misruq mill-Furjana. Il-ġurati kellhom assjem ta' provi li nonostanti xi diskrepanzi fid-dettalji, kienu tali li raġonevolment setgħu jwassluha biex jaslu għall-konklużjoni li l-appellant qed jikkontesta. Imbagħad *una volta* stabbilita l-prova li l-mutur kien oġġett ta' serqa u li dan kien l-istess mutur *li kien fil-pussess ta'* l-appellant li anki kkommetta s-serqa *de quo* bih il-konklużjoni tal-ġurati ma tistax tiġi kkritikata għax prattikament fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kienet konklużjoni li l-ġurati ma setgħux jaħarbu minnha;

Ikkunsidrat:

L-appellant ilmenta wkoll mill-piena u talab li jingħata *"probation". Din il-Qorti però, fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza* kopjuża in materja ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti meta ma jkunx manifest li l-piena hi proporzjonatament eċċessiva. F'dal-każ din il-Qorti ma teżitax milli tafferma mingħajr tlaqliq li ċertament mhux indikat li jkun hemm modifika tal-piena inflitta mill-ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta' l-imsemmi George Azzopardi billi tiċħad *l-istess* u *konsegwentement*

tikkonferma s-sentenza appellata b'dan però li billi wara s-sentenza appellata u għalhekk fil-mori ta' dan l-appell kien hemm il-"*warrant*" ta' l-Aġent President tar-Repubbliku maħruġ fid-29 ta' Mejju, 1987 din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti għad-disposizzjonijiet ta' dan il-"*warrant*"in kwantu jista' jibbenefika minnhom l-istess appellant.